MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tas-26 ta' Frar, 2013

Numru. 1329/2012

Il-Pulizija
(Sp Jurgen Vella)
vs
Jeffrey Agius, iben John Mary, imwieled Pieta' fid-9 ta' Mejju, 1981, karta ta' l-identita' numru 234381(M)

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat:
1. talli f'xi ħin fl-4 ta' Settembru, 2012, ġewwa l-imħażen ta' Dolphin Pools Ltd. / Cadin Exports Ltd. li jinsabu ġewwa l-Qasam Industrijali tal-Marsa u f'dawn il-Gżejjer, xjentement laqa' għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b'kull mod li jkun, indaħal biex ibiegħu jew imexxih, liema oġġett huwa pompa tas-'swimming pools' tad-ditta Hayward, li l-valur tagħha jeċċedi l-€232.94 iżda anqas

minn €2,329.37 għad-dannu tal-kumpanija Dolphin Pools Ltd. / Cadin Exports Ltd. u/jew persuni oħra;
2. talli sar reċidiv b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati tas-16 ta' April, 2004 skkont l-artikolu 289 tal-Kodiċi Kriminali, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tiġi mibdula.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tas-26 ta' Frar, 2013 fejn il-Qorti ġiet infurmata li l-pompa meritu ta' din il-kawża ġiet ritornata.

Rat il-verba ltas-seduta tas-26 ta' Frar, 2013 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 334(a) u 289 tal-Kodiċi Kriminali. Rat l-ammissjoni bikrija u il-fatt li l-oġġett in kwistjoni ġie ritornat. Għalhekk, ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien sentejn mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------